MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2001

Numru 1/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carmelo Magri)**

**vs**

**Jason Roy Mallia ta' 25 sena bin il-mejjet Anthony u Lynn nee Balton imwieled l-Ingilterra fit-22 ta' April, 1974, u li joqghod 'Canda Flats' Numru 3, Triq Gianna Bencini, Gzira. Detentur tal-karta ta' l-identita' bin-Numru 16458(A).**

**Illum 14 ta' Frar, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Jason Roy Mallia li gie akkuzat talli:

F’tas-Sliema, fil-lejl ta’ bejn it-12 u t-13 ta’ Jannar, 2000 ghall-habta tas-2.00 ta’ fil-ghodu, kkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Daihatsu Charade bin-numru tar-registrazzjoni GAF-742 u hwejjeg ohra ghad-dannu ta’ Patrick Dato Mallia minn Tas-Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fuq il-vettura ta’ l-ghamla Daihatsu Charade bin-numru tar-registrazzjoni GAF-742 ghad-dannu ta’ l-istess Patrick Dato Mallia, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma teccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Fl-Msida, fit-13 ta’ Jannar, 2000 ghall-habta tat-8.30 ta’ fil-ghaxija, kkommetta serq ta’ sett pjanci minn fuq vettura ta’ l-ghamla MG Metro bin-numru tar-registrazzjoni BBE-615, ghad-dannu ta’ Sylvana Hawes mill-Mosta u liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fil-lejl ta’ bejn it-12 u t-13 ta’ Jannar, 2000 u fil-granet ta’ wara, xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistat b’reat, sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Talli fil-lejl ta’ bejn it-12 u t-13 ta’ Jannar, 2000 u fil-granet ta’ wara din id-data, f’dawn il-gzejjer ghamel uzu u ppermetta li jsir uzu minn vettura ta’ l-ghamla Daihatsu Charade li kellha n-numru tar-registrazzjoni BBE-615 li ma jappartenux lill-istess vettura u cioe’ bil-pjanci tar-registrazzjoni foloz, kif ukoll bin-numru ta’ identifikazzjoni rispettivi taghha li ma jappartenux ghall-imsemmija vettura u cioe bin-numru tax-chassis u tal-magna foloz.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’dawn il-gzejjer, saq l-imsemmija vettua minghajr licenzja tas-sewqan mahruga f’ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija u b’hekk ma

kienx kopert b'polza tas-sigurta' jew garanzija ta' terzi persuni.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita mil-ligi, tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap 65, u li Jason Roy Mallia jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar.

Ikkonsidrat

Illi fl-istqarrija rrilaxxata mill-imputat Dok JRM huwa ammetta s-serqa tal-vettura Daihatsu Charade bin-numru ta' registrazzjoni GAF-742, ammetta li seraq il-plates tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBE 615 biex jidbilhom mal-plates tal-vettura misruqa, ammetta li l-vettura misruqa sofriet hsara fil-bonnet ghax jista' jkun li meta fethu ma kienx ghalqu sew u nfetahlu waqt li kien qed isuq l-istess vettura, ammetta li ha xi oggetti li kienu fil-vettura misruqa;

Xehed Patrick Dato Mallia, sid il-vettura misruqa.  Dan qal li fit-13 ta' Jannar ma kienx sab il-vettura tieghu gol-garaxx imbaghad kien raha tigi misjuqa mill-imputat pero' kellha registration plates differenti.  Xehed li l-vettura kellha bonnet mghawweg, mera nieqsa, rims neqsin, ta ukoll dettalji ta' oggetti ohra li kienu jinsabu gol-vettura u li kienu ghadhom ma gewx irritornati lura lilu.  Dwar il-valur tal-vettura misruqa qal li din kienet inxurjata versu l-prezz ta' Lm1617.

Xehdet Salvina House li ghandha vettura Metro bin-numru ta' registrazzjoni BBE-615, u qalet li dawn il-plates kienu nsterqulha.

L-espert tekniku Joseph irrelata illi l-valur tal-vettura huwa dak ta' Lm3000 u li l-vettura garrbet hsara versu l-prezz ta' Lm1,131.

Rat ukoll ix-xhieda ta' Robert Blyth illi ta rakkont tal-background tal-hajja tal-akkuzat kif ukoll tal-kundizzjoni medika li biha hu afflitt l-akkuzat.

Rat ukoll ir-rapport tas-Social Worker Maryanne Zammit li stabilixxa b'mod car il-problemi li hu afflitt bihom l-akkuzat, kemm dawk familjari, kif ukoll dawk koncernanti abbuz ta' alkohol u droga, kif ukoll dawk medici.

Rat ir-rinviju ta' l-Avukat Generali datat 14 ta' Dicembru, 2000 f'liema gew suggeriti s-segwenti artikoli taht liema hu mahsub li tista' tinstab htija u cioe:

(a) l-artikoli 18, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 267, 270, 271, 278, 274, 280, 281, 325(d) alternattivament ghar-reat ta' serq aggravat inghata wkoll l-artikolu 334, gew indikati wkoll l-artikoli 17(b), 31, 20, 30, 23 u 533 lkoll tal-Kap 9.

(b) l-artikoli 3 u 22 tal-Kap 104 u l-artikoli 18 u 24 tal-Kap 65.

Rat ukoll li d-difiza ma tellghet ebda provi.

Rat li fis-7 ta' Frar, 2001 l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat l-imsemmija artikoli u ssibu hati ta' serq aggravat u ta' hsara volontarja pero' mhux ta' ricettazzjoni. Issibu hati wkoll tal-artikoli citati fil-Kap 104 u 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena kkonsidrat li piena karcerarja ma tkunx idonea anke stante l-kundizzjoni medikat tieghu, dan pero' mhux ghax ir-reat mhux wiehed serju, pero' anke in vista tal-fedina penali tieghu li hija netta, il-Qorti qeghda tapplika l-artikoli 28A tal-Kap 9, u qeghda tikkundannah ghal sentejn habs sospizi ghal erba' snin.

In oltre l-Qorti qeghda wkoll tiskwalifikah milli jkollu jew izomm licenzji tas-sewqan ghal 12-il xahar mil-llum.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.